Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 53 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 8 ta' Jannar 2013

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Annallizar tar-Rapporti Tekniċi dwar l-aħħar sejħa għall-offerti
5. Preparamenti Ġieħ l-Imġarr
6. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said u l-Kunsillier Giovann Gatt, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

- **TENDER MGR 2012/06 -** *Resurfacing* ta' Triq L-Amarozz, Triq l-Aruna u Triq il-Karamelli taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.
- **TENDER MGR 2012/07 -** *Resurfacing* ta' Triq San Pietru, Triq Ħaġrat u Triq Sir Harry Luke taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.
- **TENDER MGR 2012/08 -** *Resurfacing* ta' Triq Ġnien id-Dwieli u Triq Ras il-Ġebel taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.
- **TENDER MGR 2012/09 -** Servizz ta' Xogħol ta' Aperturi tal-Aluminium għall-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

- **TENDER MGR 2012/10 -** *'Design & Build'* ta' proġett ta' rampa għall-aċċessibilita' miżjuda mal-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr.

- **TENDER MGR 2012/11 -** Servizz ta' Manutenzjoni u Rinnovament fuq l-aperturi tal-Injam fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

- **TENDER MGR 2012/12 -** Servizz ta' xogħol ta' '*patching*' manteniment minuri tat-toroq.

Il-Kunsill ħa nota tal-offerti kollha u ddeċida li jqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara rapporti tekniċi u jagħti l-parir tiegħu dwar l-offerti miġbura.

Hawnhekk, is-Seduta tkompliet skont l-aġenda.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 dwar punt 4 : Il-Kunsill reġa' ra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-possibilta' ta' post ta' Assistent Prinċipal u reġa' kkonferma d-deċiżjoni li kienet ittieħdet f' Diċembru. Għalhekk ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat jinforma bil-miktub lis-Sa. Natasha Cassar dwar din id-deċiżjoni.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġie dikuss it-tiġdid tal-assikurazzjoni medika għall-Kunsilliera u l-istaff permezz tal-iskema tal-AKL. Il-Kunsill qabel li dan it-tiġdid isir.

2.4 Kienet innotata ittra mingħand Gafa Safeways Ltd li jipprovdu is-servizz tat-tindif tal-Kunsill li pporopnow żieda fir-rati tas-servizz. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jaċċetta iż-żieda, iżda li jkun hemm ukoll titjib fis-servizz.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li s-servizz tad-Day Care Centre tal-Anzjani kien wieħed sodisfaċenti u li numru ta' anzjani kienu qed jagħmlu użu minn dan is-servizz.

Informa wkoll li il-ftuħ uffiċċjali kien ser isir it-Tlieta 26 ta' Frar 2013 mill-Prim Ministru.

3.2 Is-Sindku ppropona li xi bibs li l-Kunsill għandu jiġu stampati bil-logo tal-Kunsill u jissellfu lill-Kunsill Skolastiku biex jintlibsu mill-għalliema u ġenituri li jieħdu ħsieb it-tfal huma u deħlin u ħerġin mill-iskola. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.3 Clayton Gauci ressaq diversi talbiet għar-rad marking u kaxxi sofor quddiem iż-żewġ spizeriji, kif ukoll single yellow lines fi' Triq Mons Orazjo Vella, fin-naħa l-oħra ta; quddiem iul-garaxxijiet. Il-Kunsill approva u ser jintbgħatu lill-Transport Malta.

3.4 Eman Vella informa li kien hemm il-ħsieb li tinħareġ edizzjoni oħra ta' Il-Miġbħa, u li l-ħsieb kien li toħroġ sa' l-aħħar ta' Frar. Il-Kunsillera ġew imħeġġa li jlestu l-artiklu tagħgom mill-aktrar fis u jgħadduh lill-Editur.

3.5 Saret diskussjoni dwar il-ġbir ta' skart fil-btajjel pubbliċi għall-2013. Ser tinbgħat nota fid-djar kollha biex kulħadd ikun avżat min qabel dwar il-ġranet alternattivi.

## 4. Annallizar tar-Rapporti Tekniċi dwar l-aħħar sejħa għall-offerti

4.1 Wara li l-perit tal-Kunsill intgħalab jagħmel rapporti tekniċi dwar l-offerti mitfugħa għas-sejħa għal-offerti, il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapporti:

- **TENDER MGR 2012/06 -** *Resurfacing* ta' Triq L-Amarozz, Triq l-Aruna u Triq il-Karamelli taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.
- **TENDER MGR 2012/07 -** *Resurfacing* ta' Triq San Pietru, Triq Ħaġrat u Triq Sir Harry Luke taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.
- **TENDER MGR 2012/08 -** *Resurfacing* ta' Triq Ġnien id-Dwieli u Triq Ras il-Ġebel taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.

Il-Kunsill analizza ir-rapport dwar ir-rati mitfugħa mill-uniku kuntrattur – Asfaltar LTD., u osserva li r-rati huma għoljin ferm. Għaldqastant pie deċiż li isir laqgħa mal-kuntrattur fejn jintalab jirrevedi ir-rati filwaqt li l-Kunsill jara il-possibilita'; li jkollu termini ta' pagamenti differenti. Ser tissejjaħ laqgħa wkoll mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi evalwata l-aħjar triq kif il-Kunsill għandu jimxi f' dan ir-rigward.

- **TENDER MGR 2012/09 -** Servizz ta' Xogħol ta' Aperturi tal-Aluminium għall-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

Peress li wieħed mill-offerenti hu relatat miegħu, is-Sindku Paul Vella ħalla postuwaqt din id-diskussjoni u din tkompliet titmexxa mid-Deputat Sindku, Eman Vella. Il-Kunsill ra r-rapport tekniku u kkonstata li wieħed mill-offerenti ma kellux

bank gaurantee bid bond u għalhekk pie skwalifikat. Għaldaqstant dan it-tender kien ser jiġi mogħti lill-kumpanija FrameGrip Ltd.

Wara din id-deċisjoni, is-Sindku reġa' ħa postu għall-kumplament tas-seduta.

- **TENDER MGR 2012/10** - *'Design & Build'* ta' proġett ta' rampa għall-aċċessibilita' miżjuda mal-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr.

Il-Kunsill evalwa iż-żewġ offerti kif ukoll ir-rapport tekniku u wara diskussjoni iddeċieda li jaġġudika ix-xogħol lill-Andrew Vassallo General Trading Ltd, u jagħżel l-ewwel proposta ta' din il-kumpanija peress li kinet l-aktar waħda finanzjarjament vantaġġjuża.

- **TENDER MGR 2012/11** - Servizz ta' Manutenzjoni u Rinnovament fuq l-aperturi tal-Injam fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.
- Il-Kunsill evalwa iż-żewġ offerti kif ukoll ir-rapport tekniku u wara diskussjoni iddeċieda li jaġġudika ix-xogħol lill-Armstrong Ltd. peress li kienet l-aktar offerta finanzjarjament vantaġġjuża.

- **TENDER MGR 2012/12** - Servizz ta' xogħol ta' '*patching*' manteniment minuri tat-toroq.
- Il-Kunsill evalwa iż-żewġ offerti kif ukoll ir-rapport tekniku u wara diskussjoni iddeċieda li jaġġudika ix-xogħol lill-Elles Urban Services Ltd, peress li l-offerent l-ieħor, Joseph Caruana, ma kienx ipprovda il-bank gaurantee bid bond.

## 5. Preparamenti Ġieħ l-Imġarr

5.1 Ingħata update tal-preparamenti li kienu qed isiru għall-Ġieħ l-Imġarr li kien ser isir fit-3 ta' Frar. In-nomini għall-Ġieħ ħarġu u ser jiġu milqugħa sal-Ġimgħa 25 ta' Jannar. Il-Kunsillier Clayton Gauci ser jieħu ġsieb id-dwal u s-sound filwaqt li l-handymen tal-Kunsill ser jieħdu ħsieb l-armar tal-palk. Wara is-serata issir bibita ċkejna għall-dawk preżenti.

## 6. Affarijiet Mixxellanji

6.1 Ġew diskussi iż-żewġ proposti għas-servizz ta' ġbir ta' skart : dak ta' GreenMT u ta' GreenPak. Wara analizzar tal-proposti ġie deċiż li tintlaqa' l-proposta ta; GreenMT u jsir ftehim magħhom għas-sentejn li ġejjin.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

6.2 Ġew analizzati wkoll iż-żewġ preformance appraisals tal-ħaddiema klerikali ital-Kunsill. Wara diskussjoni, ġie deċiż li it-tnejn jingħataw performance bonus ta' 6% għax-xogħol li wettqu matul l-2012.

6.3 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-kommunita' issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2-13, fis-6:30pm fis-Sala tal-Kunsill.

6.4 Eman Vella semma' li kien hemm bżonn tinħareġ sejħa għall-offerti jew kwotazzjonijiet għall-servizzi relatati maż-żewġ siti tas-siġar tal-proġett Cypfire. Ser isiru laqgħata mal-perit biex jittieħed parir tekniku dwar l-aħjar mod li wieħed għandu jieħu. Dan ser jinkludu ġrit tal-ħamrija, rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ, żriegħ ta' siġar ġodda, etc. Ser ikun hemm bżonn ukoll materjal għall-istess siti għall-ikkontrollar tal-moffa tas-siġar, fertilizzanti, u sistema ta' irrigazzjoni.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 22 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku